



Brussell, 10 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9197/23

INF 101
API 74

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8311/23
Suġġett:	Il-21 rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

1. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti jistabbilixxi li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implementazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.
2. L-abbozz tar-rapport annwali għall-2022 jidentifika t-tendenzi u l-karatteristiċi ewlenin tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill u jeżamina l-ilmenti indirizzati lill-Ombudsman kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-qrat Ewropaj fil-każijiet li jikkonċernaw l-implementazzjoni tar-Regolament mill-istituzzjonijiet. Ir-rapport għall-2022 isegwi l-format il-ġdid tal-aħħar snin, li tqassar minħabba l-fatt li d-data statistika li fuqha huwa bbażat ir-rapport issa hija aċċessibbli liberamente fuq is-sit web tal-Kunsill.

3. L-abbozz tar-rapport annwali dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill għall-2022¹ ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni u maqbul minnu waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' April 2023.

4. Il-Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, ir-rapport annwali kif jinsab fid-dokument 8311/23.

¹ 8311/23.